MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2025

Appell Inferjuri Numru 148/2023 LM

**GasanMamo Insurance Limited (C 3143)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Sullivan Maritime Limited (C 20340) bħala aġenti tas-soċjetà estera Grimaldi Group SpA u Grimaldi Euromed SpA**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Sullivan Maritime Limited bħala aġenti tas-soċjetà estera Grimaldi Group SpA u Grimaldi Euromed SpA** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] minn sentenza preliminari mogħtija fit-18 ta' Ġunju, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza

appellata'] mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], li permezz tagħha ddeċieda li huwa għandu l-ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi t-talba tas-soċjetà appellata **GasanMamo Insurance Limited (C 3143)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellata'] fil-konfront tagħha, u b'hekk ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tagħha, u ordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża, bl-ispejjeż riżervati għas-sentenza finali.

## Fatti

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw danni sofferti mis-soċjetà assikurata mis-soċjetà appellata, jiġifieri GasanZammit Motors Limited, fuq konsenja ta' ħamsa u għoxrin (25) vettura tal-għamla Ford li waslet hawn Malta fil-25 ta' April, 2022, fuq il-vapur Euro Cargo Catania.

## Mertu

3. Is-soċjetà appellata intavolat dawn il-proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta' Avviż tat-Talba fl-21 ta' April, 2023, fejn talbet sabiex is-soċjetà appellanta tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' tliet elef mija sebgħa u sebgħin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€3,177.18), rappreżentanti kwantu għal elfejn disa' mija u tmienja u erbgħin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€2,948.68) bħala danni sofferti mis-soċjetà assikurata tagħha GasanZammit Motors Limited, u kwantu għal mitejn tmienja u għoxrin Euro u ħamsin ċenteżmu (€228.50) bħala *survey fees* marbuta mal-*claim* li saret mill-istess soċjetà assikurata, u dan flimkien mal-imgħax u l-ispejjeż tal-proċedura.

4. Is-soċjetà appellanta wieġbet fit-22 ta' Mejju, 2023, fejn eċċepiet fl-ewwel lok li skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 593/2007 u/jew Nru. 1215/2012, it-Tribunal ma kellux il-ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi l-vertenza bejn il-partijiet.

## Is-Sentenza Appellata

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma rilevanti għal dan l-appell:

> ***"Ikkunsidra***
>
> *Illi għalhekk, id-deċiżjoni odjerna hi fundamentalment ibbażata fuq il-materjal probatorju rakkolt in atti u fid-dawl tas-sottomissjonijiet bil-miktub imressqa mid-difensuri, akkompanjata mill-aspetti legali u prinċipji ġuridiċi.*
>
> *Il-prinċipju bażiku jimporta illi d-deċiżjoni emessa tkun meħuda unikament in bażi għall-allegazzjonijiet pruvati, cioè miċ-ċirkostanzi fattwali u ġuridiċi dedotti in fondament għad-domanda jew tal-eċċezzjoni, u dejjem meħuda in bażi tal-provi forniti mill-partijiet litigandi. Il-ġudikant ma jistax, fl-assenza ta' norma li tiddetta kuntrarjament jipprovdi hu stess u jissostitwixxi l-inizjattiva proprja għall-mankata inizjattiva ta' min kien primarjament interessat li jressaqha. Tali insenjament huma riflessi u abbraċċjati fid-deċiżjonijiet, fost oħra, "Carmelo Zammit v. Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp" (Qorti Kummerċjali, 10 ta' April, 1995) u "Michael Debono et v. Joseph Zammit et" (Prim'Awla, 30 ta' Ġunju, 2010).*
>
> *Illi l-eċċezzjoni mqanqla mis-soċjetà konvenuta ddur fuq il-punt li ġaldarba illi l-polza tal-karigu tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Napli, s-soċjetà attriċi ma tistax tressaq talbiet quddiem dan it-Tribunal jew Qrati oħra li mhux f'Napli. Għalhekk, in forza tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Diċembru, 2012, qed tiġi eċċepita l-ġurisdizzjoni tal-enti ġudizzjarji Maltin milli jisimgħu u jintrattjenu dan il-każ peress li si tratta ta' kuntratt magħmul bejn Ford u Grimaldi Euromed SpA.*
>
> *Is-soċjetà attriċi topponi għal din l-eċċezzjoni billi tgħid illi bħala assikuratriċi tal-konsenjaturi hija mhux marbuta mal-polza tal-karigu, partikolarment tenut kont tal-fatt illi lanqas GasanZammit Motors Limited ma kellha xi involviment f'dan il-kuntratt. Di più, r-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta ikkonferma illi kemm-il darba ġew*

*trattati kawżi ta' dan it-tip fil-fora Maltija anke meta kien hemm klawsoli bħal ma hemm stabbilit fl-Artikolu 2 tal-kuntratt ta' karigu.*

*Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti hu aspett neċessarju li jigi indirizzat minħabba dak provdut fl-Artiklu 1 tar-Regolament UE numru 1215 tat-12 ta' Diċembru, 2012 li jgħid li,* "Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali indipendentement min-natura tal-qorti jew tat-tribunal."

*Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Case 29/76 LTU v Eurocontrol [1976] ECR 1541 punt 4 u Case 814/79 Netherlands v Rüffer [1980] ECR 3807), dak li jaqa' fil-frażi* "kwistjonijiet ċivili u kummerċjali" *għandu jiġi essenzjalment determinat* "by reason of the legal relationships between the parties to the action or of the subject-matter of the action." *Għalhekk, ir-relazzjoni ġuridika li tinterkorri l-preżenti partijiet għandha tiġi ben individwata. Għal dak li jikkonċerna r-relazzjoni li tgħaddi bejn it-tnejn, huwa bil-wisq naturali għal dan it-Tribunal illi din tipparteċipa minn obbligazzjoni ta' natura kuntrattwali. Ta' din il-fehma hi d-duttrina u anke l-ġurisprudenza lokali.*

*Jibda billi jingħad illi l-eċċezzjoni in kwistjoni hija ta' natura perentorja tal-ġudizzju u ċioe kontra l-ġurisdizzjoni, ċioè ta' inkompetenza assoluta in kuntrast mal-inkompetenza relattiva bejn id-diversi Qrati u tribunali domestiċi. Permezz ta' din l-eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta tikkontendi li l-Qrati u Tribunali Maltin ma jistgħux jieħdu konjizzjoni tat-talba attriċi u dan għaliex il-materja proċesswali kellha ssegwi l-klawsola imniżżla fil-kuntratt ta' karigu u ċioe Napli.*

*Is-soċjetà konvenuta tibbaża l-argumenti tagħha a bażi tal-Artiklu 25(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 li jgħid hekk: -*

> "Jekk il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, ikunu qablu li qorti jew qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni sabiex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu iqumu in konnessjoni ma' relazzjoni legali partikolari, dik il-qorti jew dawk il-qrati għandhom ikollhom ġurisdizzjoni, sakemm il-ftehim ma jkunx null u bla effett legali fil-validità sostantiva tiegħu skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Ġurisdizzjoni bħal din għandha tkun esklużiva sakemm il-partijiet ma jiftiehmux mod ieħor. Il-ftehim li jagħti ġurisdizzjoni għandu jkun jew:
>
> (a) bil-kitba jew ikkonfermat bil-kitba;

Illi l-emfażi ta' dan l-artiklu huwa illi l-partijiet ikunu qablu illi jissottomettu l-kwistjonijiet tagħhom quddiem qorti partikolari. Iżda fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-partijiet f'din il-kawża fl-ebda punt ma qablu dwar din il-kwistjoni. Is-soċejtà konvenuta qed tibbaża l-argumenti tagħha fuq il-kuntratt ta' karigu illi ċertament illi

l-kuntratt ta' karigu jorbot lill-klijenti li f'dan il-każ huma Ford u lil-linja tal-vapur u ċioe Grimaldi Euromed SpA iżda mhux lill-partijiet f'din il-kawża.

Illi s-soċjetà konvenuta bħala aġenta tal-linja tal-vapur għandha r-responsabbiltà illi tidħol fiż-żarbun tal-linja tal-vapuri bħala rappreżentanta tagħha iżda dan ma jfissirx illi l-istess soċjetà konvenuta tista' testendi l-klawsoli tal-kuntratt tal-karigu fil-konfront ta' terzi. Dan qed jingħad, għaliex anke kieku wieħed kellu japplika s-subinċiżi (b) u (ċ) tal-Artikolu 25 tar-Regolament 1215/2012, u cioe illi l-gurisdizzjoni hija bbażata: -

(b) f'għamla li taqbel mal-prattiki li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom; jew

(ċ) f'negozju jew kummerċ internazzjonali, f'għamla li taqbel mal-użanza li dwarha l-partijiet huma jew li kellhom ikunu konxji u li f'dak in-negozju jew kummerċ tkun magħrufa sewwa, u regolarment osservata minn, partijiet għal kuntratti tat-tip involut f'dak in-negozju jew kummerċ partikolari kkonċernat."

*Dan it-Tribunal huwa tal-fehma li s-soċjetà attriċi ma tinkwadrax fl-ebda wieħed minn dawn.*

*It-talba tas-soċjetà attriċi hija bbażata fuq danni li hija kellha tħallas lill-klijenti tagħha, f'dan il-każ GasanZammit Motors Ltd, u għaldaqstant dan it-Tribunal ma jarax illi l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta tista' tapplika fil-konfront tas-soċjetà attriċi. Kif tgħid is-soċjetà konvenuta fis-sottomissjonijiet tagħha, l-ftehim tal-karigu jorbot lil Ford Otomotiv u Grimaldi iżda hawn si tratta ta' parti (soċjetà attriċi) li hija totalment estranea minn dan il-ftehim.*

*Illi ċertament illi s-soċjetà attriċi m'għandha l-ebda prattiċi fis-seħħ mas-soċjetà konvenuta jew mal-prinċipal tagħha. Għaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' fil-konfront tas-soċjetà attriċi.*

*Decide*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' dak hawn fuq kunsidrat, u abbażi tal-materjal lilu fornit dwar din il-materja, it-Tribunal qed jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u jiddikjara li, fiċ-ċirkostanzi, dan it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni li jisma' u jiddeċiedi din il-kawża u, konsegwentement, jordna l-prosegwiment tas-smigħ tal-proċediment. Kwalsiasi spejjeż u/jew drittijiet ġudizzjarji marbuta ma' dan l-episodju huma riżervati għall-ġudizzju finali."*

**L-Appell**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2024, fejn qiegħda titlobha sabiex:

> *"...tilqa' dan l-Appell billi timmodifika, tvarja u tirriforma s-sentenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari imressqa mis-soċjetà appellanti f'dak li jirrigwarda in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati u t-Tribunali Maltin fil-konfront tal-vertenza odjerna.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata."*

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-polza ta' karigu, ti-Tribunal ma setax sab li huwa kellu l-ġurisdizzjoni sabiex jittratta l-vertenza odjerna; u (b) it-Tribunal kien skorrett meta ddikjara li hija setgħet tapplika l-klawsoli tal-kuntratt tal-karigu fil-konfront ta' terzi.

7. Is-soċjetà appellata wieġbet fit-2 ta' Awwissu, 2024, fejn qabel xejn irrilevat li l-appell odjern huwa proċeduralment irritu u null, għaliex is-soċjetà appellanta ma kinitx osservat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fid-dawl tal-kwistjoni preliminari li qiegħda tiġi ssollevata mis-soċjetà appellata, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra qabel xejn jekk tassew għandha raġun meta tinsisti li l-appell odjern huwa proċeduralment irritu u null.

9. Is-soċjetà appellata qiegħda tikkontendi li s-soċjetà appellanta kienet marbuta li timxi mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 231 tal-Kap. 12, jiġifieri hija

kienet tenuta titlob il-permess tat-Tribunal sabiex tappella mis-sentenza preliminari. Hija tiċċita dak li qalu d-diversi Qrati in sostenn tal-argument tagħha.

10. Il-Qorti tgħid li l-leġislatur kien tassew ċar meta permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 231 ried jipprovdi li appell minn sentenza *in parte,* qabel is-sentenza finali, jista' jsir biss bil-permess tal-Qorti. L-intendiment tal-leġislatur huwa mfisser tajjeb fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fl-ismijiet **Ivan Cutajar *vs.* J. Lautier Co. Limited**, li għaliha tagħmel riferiment is-soċjetà appellata. Fil-każ odjern ma jirriżultax li s-soċjetà appellanta ottemporat ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 231 tal-Kap. 12 billi talbet il-permess rikjest sabiex tippreżenta l-preżenti appell. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li għalhekk l-appell odjern huwa wieħed irritu u null.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddikjara l-appell odjern irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mis-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**